MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 02/K6/2009 |
| Data: | It-Tlieta, 14 ta' Lulju 2009 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 4.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li ġie ppublikat nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2009. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 01/K6/2009.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Kumitati u Sotto-Kumitati għas-Sitt Legislatura.
5. Festa San Guzepp 2009.
6. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
7. Purchase Request Sheet.
8. Affarijiet oħra jekk urġenti.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 02/K6/2009

Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 01/K6/2009

009. Is-Sindku ressaq il-minuti 01/K6/2009 bħala moqrija. Ma kien hemm l-ebda korrezjoni.

010. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. Dr Grima issekonda. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

011. Ma kien hemm l-ebda materji mill-Minuti.

Punt 3 Korrispondenza

012. 0820 – Is-Sindku qara' ittra mis-sidien tal-ħwienet fi Triq il-Prinċipessa Margerita fejn dawn qegħdin jilmentaw fuq nuqqas ta' bejgħ u tfixkil ieħor li qed jiltaqaw miegħu wara li l-Kunsill Lokali implimenta *timed parking* fit-triq fejn huma joperaw. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mar-rappreżentant tal-ħwienet, biex b'hekk fil-laqgħa li jmiss, il-Kunsill ikun jista' jevalwa l-ilment aħjar.

013. 1033 – Is-Sindku qara ittra mibgħuta mil-kumpanija Realco. Ltd, dwar talba għal Un/Loading bay quddiem il-ħanut tagħhom. Il-Kunsill qabel li din it-talba tgħaddi għand l-uffiċjal awtorizat fi ħdan l-ADT.

014. 1265 – Is-Sindku qara' l-ittra mibgħuta mil-ex Kunsillier Reuben Sciberras dwar il-bżonn urġenti ta' *timed parking* fi Triq l-Universita. Il-Kunsill hawn iddirieġa lis-Sotto-Kumitat għat-Traffiku sabiex malajr kemm jista jkun jgħamel laqgħa mal-ADT u jikseb l-approvazjoni għall-applikazjoni li l-Kunsill għamel xhur ilu għal *timed parking* f'diversi toroq fil-lokal.

015. Is-Sindku qara' ittra mhux reġistrata fejn ammont ta' residenti firmatarji qegħdin jirringrazjaw lill-Kunsill Lokali fuq l-implimentazjoni ta' immaniġjar tat-traffiku ġdid fl-inħawi tal-Qroqq. M Agius hawn irrimarka illi fi Triq Nazju Falzon u f'xi toroq oħra għandhom jitneħħew it-tabelli antiki. Il-Kunsill qabel.

Punt 4 Kumitati u Sotto-Kumitati għas-Sitt Legislatura

016. Is-Sindku qassam lista fejn kull Kunsillier ġie inkarigat b'Kumitat u/jew Sotto-Kumitat. Id-dekasteri ta' kull Kunsillier huma:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sindku | - | Kumitat Finanzi |
| | - | Kumitat Offerti Publiċi |
| | - | Kumitat Proġetti u Fondi EU |
| | - | Sotto Kumitat Żagħżagħ u Sport |

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

| | | |
|---|---|---|
| | - | Bord Editorjali |
| | - | Rappreżentant LESJC |
| Il-Viċi-Sindku | - | Sotto Kumitat Edukazzjoni u Kultura |
| | - | Sotto Kumitat Komunita Flimkien |
| | - | Co-ordination Unit |
| Sur Emanuel Abela | - | Sotto Kumitat Anzjani |
| Sur Emanuel Brincat | - | Sotto Kumitat Permessi MEPA |
| | - | Sotto Kumitat Infrastruttura u Traffiku |
| | - | Sotto Kumitat Swatar |
| Dott. Carmelo Grima | - | Sotto Kumitat Indafa |
| Sur Charles Selvaġġl | - | Sotto Kumitat Ambjent u Ġonna Pubbliċi |
| Sur Matthew Agius | - | Sotto Kumitat Relazjonijiet Intergovernattivi |
| Sur Alfred Farrugia | - | Sotto Kumitat Għoti tad-Demm |

017. Is-Sindku, bħala *Chairman* tat-tlett Kumitati, għażel il-membri ta' kull Kumitat hekk kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Kumitat Finanzi: | - | Is-Sindku Clifton Grima |
| | - | E Brincat |
| | - | C Selvaggi |
| | - | M Baldacchino Cefai |
| | - | E Abela |
| Kumitat Offerti Pubbliċi | - | Is-Sindku Clifton Grima |
| | - | E Brincat |
| | - | Dott. C Grima |
| | - | M Baldacchino Cefai |
| | - | E Abela |
| Kumitat Proġetti u Fondi EU | | |
| | - | Is-Sindku Clifton Grima |
| | - | E Brincat |
| | - | M Baldacchino Cefai |
| | - | E Abela |
| | - | M Agius |
| | - | C Selvaggi |
| | - | Dott. Carmelo Grima |

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

## Punt 5 Festa San Gużepp 2009

018. Is-Sindku qara' ittra mibgħuta mill-Kappilan tal-Paroċċa dwar oġġezjoni għal armar ta' bar fi Triq il-Knisja mill-Klabb tal-Futbol tal-Imsida. Is-Sindku semma ammont ta' kundizjonijiet li għandhom joħorgu ma dan il-permess fosthom:

- Il-bar għandu jintrama fuq in-naħa tal-Klabb u mhux tas-Sagristija
- L-imwejjed għandom jintramaw malli jasal il-marċ u jiżżarmaw sas-14.30
- Il-mużika għanda tindaqq min fuq ġewwa tal-Klabb u volum jinżamm baxx

Dr. Grima stqarr li filwaqt li huwa tajjeb li jkun hemm kundizjonijiet iebsa, hemm il-periklu reali illi jekk il-Kunsill jgħati dan il-permess, il-Kappilan iżomm milli ssir il-festa il-Ħadd filgħaxija. Dr. Grima qal li ma jarax il-bżonn li l-bar jintrama fuq barra.

C Selvaggi qal li f'dan il-marċ, quddiem il-Klabb tal-futbol, jiġi ikkonsumat ammont eċċesiv ta' alkoħol u li dejjem jibqgħu għaddejin biċ-ċelebrazjonijiet wara il-ħin tal-permess. Huwa jemmen li dan ma hux lok għalih f'festa reliġjuża.

Dr Grima propona li jittieħed il-vot, u li dan jiġi reġistrat. Il-vot għandu jittieħed fuq jekk jingħatax il-permess bil-kundizjonijiet relatati miegħu:

Favur: Is-Sindku; M Baldacchino, E Brincat; E Abela

Kontra: Dott Grima; C Selvaggi; M Agius

Il-Kunsill qabel li l-permess għandu jinħareġ bil-kundizjonijiet msemmija mis-Segretarju Eżekuttiv.

## Punt 6 Approvazjoni u Pagamenti tal-Kontijiet

019. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet K6/Min01 għall-approvazjoni. Dr Grima issekonda. Il-Kunsill approva l-pagamenti tal-kontijiet. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, Dr Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

020. C Selvaggi propona li jiltaqa' l-Kumitat Finanzi sabiex tiġi diskussa il-pożizjoni finanzjarja tal-Kunsill.

## Punt 7 Affarijiet oħra jekk Urġenti

021. Is-Sindku qara ittra mibgħuta min sid ta' gabbana li jarma fil-lokal fil-jiem tal-festa. Is-sid qed jilmenta li bħala Misidjan ma jsibiex ġusta illi huwa jarma fuq wara tal-gabbani kollha. Il-Kunsill qabel li għal din is-sena ma jkun hemm l-ebda bidla fil-proċedura ta' kif jitqasmu il-gabbani. Is-Sindku propona li jitwaqqaf Kumitat u jiddeċiedi dwar emendi għal festa tas-sena id-dieħla.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

022. E Abela propona li l-Kunsill jarma uffiċju għall-Kunsilliera fl-ewwel sular.

023. M Baldacchino resqet korrispondenza li ingħatat lilha dwar talba għal-għajnuna sabiex issir attivita għal persuni b'diżabilta. Il-Kunsill qabel li jgħin fit-trasport u biljetti tal-attivita.

024. M Baldacchino qalet li ser tkun qed torganizza attivita għal Catania għal Misidjani kollha nhar is-Sibt 8 ta' Awissu 2009. Il-Kunsill qabel.

025. E Brincat ħareġ mil-laqgħa. Ħin: 19.15

026. M Agius qal li l-avviżi tal-attivitajiet għandhom jintbgħatu sew qabel, sabiex il-Kunsilliera ikunu jistgħu iqasmu il-ħin għax-xogħol tal-Kunsill.

027. C Selvaggi qal li għanda tisewwa il-funtana li tinsab fi Triq Victor Denaro, u sabiex tintbgħat ittra lis-sid tal-ħanut 'Solo Pizzeria' fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex sabiex iqiegħed riċipjenti tal-iskart quddiem il-ħanut.

028. Dr Grima qal li għandu isir rapport fuq dgħajsa mitluqa fi Triq il-Wied.

029. M Baldacchino qalet li hemm dgħajsa mitluqa fi Triq Carmelo Zammit.

030. Dr Grima qal li l-lista tal-mistidnin għall-okkazjonijiet tal-Kunsill għanda terġa issir mil-ġdid. Is-Segretarju propona li xi Kunsilliera jiltaqgħu u jiddeċiedu fuq din il-lista formalment.

031. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 19.30

Approvati llum ________________________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com